TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 210/14/MS**

**Maurice Cachia**

**vs**

**Melita PLC u Melita Mobile Ltd**

Illum 9 ta' Frar 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maurice Cachia tas-7 ta' Ottubru 2014.
Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta tat-22 ta' Ottubru 2014.
Sema' lix-xhieda, ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha ezebiti, inkluz it-traskrizzjonijiet;

**Ikkunsidra:**

Irrizulta mill-provi illi f'Mejju tal-2014, rapprezentanta tas-socjeta' konvenuti ikkuntattjat l-ewwel lil mart l-attur, umbaghad lill-istess attur, biex thajru jiehu offerta ta' zewg mobile handsets tal-marka Samsung Y bla hlas, bil-kondizzjoni illi huwa jibqa' abbonat mas-servizz ghal 24 xahar.

Saru diversi komunikazzjonijiet bejn ir-rapprezentant u l-attur u t-Tribunal talab u ottjena traskrizzjoni ta' dak kollu li ntqal bejniethom. It-Tribunal jinsab sodisfatt illi r-rapprezentanta spjegat sew il-kondizzjonijiet x'kienu u l-attur ghall-iktar minn darba wera l-aderzjoni tieghu ghal dak li kien qed jinghad u jidher illi fehem il-kundizzjonijiet tal-offerta. Eventwalment, wara l-accettazzjoni, is-socjeta' konvenuta kkonsenjat iz-zewg mobiles lill-attur fuq il-post tax-xoghol tieghu u hemmhekk iffirma il-kuntratt.

Illi l-attur ighid illi f'dak il-mument, haseb li qed jiffirma biss *delivery note.* Bir-rispett hawnhekk l-attur naqas u missu accerta ruhu ghal dak li qed jiffirma. Zgur ma aggixiex ta' bniedem responsabbli u qabad iffirma fuq biss impressjoni. L-attur gie moghti *'cooling off period'* ta' hmistax (15) - il gurnata, u b'dan zgur li kien jaf, f'liema perjodu il-kuntratt gie rez ezekuttiv bis-socjeta' konvenuta tipprovdi s-servizz pattwit. Kien hawnhekk illi l-attur rega' bdielu meta' ircieva l-ewwel kont, wara li kienu skadew il-15 - il gurnata *cooling off* period, u f'din il-kawza qed jitlob il-figura ta' €480.

Illi jinghad mill-bidu nett, bl-ebda mod l-attur ma ggustifika jew spjega dan l-ammont u t-Tribunal zgur ma jistax jikkunsidraha bhala xi haga ipotetika u mhux ippruvata. X'aktarx, din is-somma tirifletti l-valur shih tas-servizz (i.e l-ammont li l-attur kellu jhallas ghal zewg mobile phones tul is-sentejn tal-kuntratt (i.e 20 Euros x 24 xahar). Il-konvenut donnu qed

jippretendi illi jithallas minghand is-socjeta' konvenuta flok ma jhallas hu wara li kun uza is-servizz biss ghal xahrejn. Din hija sitwazzjoni tipika ta' arrikament ingust ghad-dannu tas-socjeta' konvenuta.

Ukolll, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta spjega t-termini tal-kuntratt, b'mod car u mir-risposti tal-attur jidher illi f'dak il-mument fehem dak li qed jinghad. Jekk allura, ma fehemx, dan ma jistax jigi attribwit ghal xi nuqqas tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li fi kwalunkwe kaz gharaf lill-attur bid-dritt tieghu assolut illi jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt minghajr ma jaghti raguni fi zmien 15 - il gurnata wara li ffirma l-kuntratt. Dan it-terminu issa ghadda u l-attur ma jistax jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt ghar-raguni li gie ingannat mis-socjeta' konvenuta meta ma gie b'ebda mod ippruvat illi dan kien il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjes kontra tieghu.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**